



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Settembru 2023
(OR. en)

11852/23

LIMITE

CORLX 727
CFSP/PESC 1055
CSDP/PSDC 565
COAFR 258
EUBAM LIBYA 19
CSC 366

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2013/233/PESK
dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza
għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja
(EUBAM Libya)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/233/PESK¹, li tistabbilixxi l-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libja).
- (2) Fis-26 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1305² li adattat u estendiet sat-30 ta' Ġunju 2025 il-mandat ta' EUBAM Libja. Dik id-Deċiżjoni pprovdiet ukoll lill-EUBAM Libja b'ammont ta' referenza finanzjarja sat-30 ta' Settembru 2023.
- (3) Jenħtieġ li l-EUBAM Libja tiġi pprovduta b'ammont ta' referenza finanzjarja għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-30 ta' Ġunju 2025.
- (4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/233/PESK tiġi emendata skont dan.
- (5) L-EUBAM Libja ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libja) (ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1305 tas-26 ta' Ġunju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libja) (ĠU L 161, 27.6.2023, p. 68).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 13(1) tad-Deċiżjoni 2013/233/PESK, l-aħħar subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa tal-EUBAM Libya mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-30 ta' Ġunju 2025 għandu jkun ta' EUR 53 442 350,13."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2023.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President